KONKLUŻJONIJIET TAL-AVUKAT ĠENERALI
SZPUNAR
ippreżentati fl-10 ta' Novembru 2016[1]

**Kawża C-568/15**

**Zentrale zur Bekämpfung unlauteren Wettbewerbs Frankfurt am Main e.V.**
**vs**
**comtech GmbH**

[talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mil-Landgericht Stuttgart (qorti reġjonali ta' Stuttgart, il-Ġermanja)]

"Direttiva 2011/83/UE — Protezzjoni tal-konsumaturi — Komunikazzjoni bit-telefon — Użu ta' linja tat-telefon minn kummerċjant sabiex jippermetti li l-konsumatur jikkuntattjah fir-rigward ta' kuntratt konkluż — Projbizzjoni ta' applikazzjoni ta' tariffa ogħla mit-tariffa bażika — Kunċett ta' 'tariffa bażika'"

## I – **Introduzzjoni**

1. F'din il-kawża, il-Qorti tal-Ġustizzja hija mitluba tipprovdi kjarifiki fil-kuntest tal-protezzjoni tal-konsumaturi, b'mod partikolari għal dak li jirrigwarda l-kommunikazzjonijiet telefoniċi u, b'mod iktar speċifiku, it-tqegħid għad-dispożizzjoni, minn kummerċjant, ta' linja telefonika ta' servizz ta' wara l-bejgħ intiża għall-klijenti tiegħu.

2. Id-domandi preliminari magħmula jirrigwardaw l-interpretazzjoni tal-kunċett ta' "tariffa bażika" fis-sens tal-Artikolu 21 tad-Direttiva 2011/83/UE[2] peress li din id-direttiva ma tinkludi ebda definizzjoni ta' dan il-kunċett. Din il-kawża tagħti għalhekk lill-Qorti tal-Ġustizzja l-opportunità li tiddeċiedi, għall-ewwel darba, dwar l-interpretazzjoni ta' dan l-artikolu u, b'mod partikolari, tal-kunċett ta' "tariffa bażika" inkluż fih.

## II – **Il-kuntest ġuridiku**

### A – *Id-dritt tal-Unjoni*

3. L-Artikolu 4 tad-Direttiva 2011/83, intitolat "Livell ta' armonizzazzjoni", huwa fformulat kif ġej:

"L-Istati Membri m'għandhomx jippreservaw jew jintroduċu, fil-liġi nazzjonali tagħhom, dispożizzjonijiet diverġenti minn dawk stipulati f'din id-Direttiva, inklużi dispożizzjonijiet iktar jew inqas strinġenti biex jiżguraw livell differenti ta' protezzjoni tal-konsumatur, sakemm din id-Direttiva ma tipprovdix mod ieħor".

1 — Lingwa oriġinali: il-Franċiż.

2 — Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tal-25 ta' Ottubru 2011, dwar drittijiet tal-konsumatur, li temenda d-Direttiva tal-Kunsill 93/13/KEE u d-Direttiva 1999/44/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u li tħassar id-Direttiva tal-Kunsill 85/577/KEE u d-Direttiva 97/7/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU 2011, L 304, p. 64).

4. L-Artikolu 6(1) ta' din id-direttiva, intitolat "Rekwiżiti ta' informazzjoni għal kuntratti mill-bogħod u lil hinn mill-post tan-negozju", jistabbilixxi dan li ġej:

"1. Qabel ma l-konsumatur jintrabat b'kuntratt mill-bogħod jew lil hinn mill-post tan-negozju, jew bi kwanlunkwe offerta korrispondenti, il-kummerċjant għandu jipprovdi lill-konsumatur l-informazzjoni li ġejja b'mod ċar u komprensibbli:

[...]

f) l-ispiża tal-użu tal-mezz tal-komunikazzjoni mill-bogħod għall-konklużjoni tal-kuntratt meta tali kost huwa kkalkolat fuq bażi differenti mit-tariffa bażika;

[...]"

5. Skont l-Artikolu 21 ta' din id-direttiva, intitolat "Komunikazzjoni bit-telefon":

"L-Istati Membri għandhom jiggarantixxu li, fejn il-kummerċjant juża linja telefonika għall-iskop li jikkuntattja lill-konsumatur bit-telefon dwar il-kuntratt konkluż, il-konsumatur mhuwiex marbut iħallas aktar mit-tariffa bażika, meta jikkuntattja lill-kummerċjant.

L-ewwel subparagrafu dan huwa bla ħsara għad-dritt tal-operaturi ta' servizzi ta' telekomunikazzjoni li japplikaw tariffa għal dawn it-telefonati".

B – *Id-dritt Ġermaniż*

6. L-Artikolu 312a(5) tal-Bürgerliches Gesetzbuch (kodiċi ċivili, iktar 'il quddiem il-"BGB"), intitolat "Obbligi u prinċipji ġenerali applikabbli għall-kuntratti konklużi minn konsumaturi; limiti tal-Ftehim ta' Remunerazzjoni", li jittrasponi l-Artikolu 21 tad-Direttiva 2011/83 jipprovdi kif ġej:

"Kwalunkwe ftehim li jobbliga lill-konsumatur iħallas remunerazzjoni b'korrispettiv tat-telefonata li huwa jagħmel lill-kummerċjant permezz ta' numru li dan tal-aħħar iqiegħed għad-dispożizzjoni tiegħu sabiex jirrispondi l-mistoqsijiet jew jipprovdi spjegazzjonijiet dwar il-kuntratt li huma kkonkludew huwa null meta r-remunerazzjoni miftiehma teċċedi r-remunerazzjoni dovuta fir-rigward ta' użu sempliċi tas-servizz tat-telekomunikazzjoni. Jekk skont l-ewwel sentenza l-ftehim huwa null, il-konsumatur lanqas ma għandu jħallas lill-fornitur tas-servizzi ta' telekomunikazzjoni korrispettiv għat-telefonata. Il-fornitur tas-servizz tat-telekomunikazzjoni għandu d-dritt jitlob lill-kummerċjant li kkonkluda l-ftehim ivvizzjat b'nullità mal-konsumatur remunerazzjoni li tikkorrispondi għal sempliċi użu ta' servizz ta' telekomunikazzjoni".

III – **Il-fatti li taw lok għall-kawża prinċipali, id-domandi preliminari u l-proċedura quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja**

7. comtech GmbH hija kumpannija Ġermaniża li l-attività ekonomika tagħha hija li tbigħ apparat tal-elettriku u apparat elettroniku. Fuq is-sit tal-internet tagħha hija għandha numru ta' telefon li jikkorrispondi għal servizz ta' assistenza indirizzat lill-klijenti li diġà kkonkludew kuntratt ta' xiri magħha u jixtiequ jiksbu kjarifiki jew spjegazzjonijiet fir-rigward tal-kuntratt tagħhom. Dan in-numru telefoniku huwa numru speċjali li jinkludi l-prefiss 0180, li fil-Ġermanja huwa użat minn servizzi ta' assistenza b'tariffa nazzjonali unika. L-ispiża ta' telefonata lejn dan in-numru speċjali (mhux ġeografiku) teċċedi l-ammont li l-konsumatur kellu jħallas għal telefonata lejn numru ta' linja fissa

(ġeografika) jew mobbli standard b'tariffi normali ta' komunikazzjoni [3].

8. Iz-Zentrale zur Bekämpfung unlauteren Wettbewerbs Frankfurt am Main e.V. (iktar 'il quddiem iz-"Zentrale") hija assoċjazzjoni ta' promozzjoni tal-interessi kummerċjali tal-membri tagħha, b'mod partikolari tal-assoċjazzjonijiet u l-impriżi. Iz-Zentrale ppreżentat quddiem il-qorti tar-rinviju azzjoni ta' inibizzjoni kontra comtech għal ksur tal-Artikolu 312a(5) tal-BGB, li jittrasponi l-Artikolu 21 tad-Direttiva 2011/83. Fil-kuntest ta' din l-azzjoni, iz-Zentrale argumentat li t-tqegħid għad-dispożizzjoni ta' linja telefonika ta' servizz ta' wara l-bejgħ b'tariffa ogħla minn dik tat-telefonati standard jikkostitwixxi prattika kummerċjali żleali [4].

9. comtech topponi din l-azzjoni ta' inibizzjoni. Din il-kumpannija allegat li l-Artikolu 312a(5) tal-BGB, moqri fid-dawl tal-Artikolu 21 tad-Direttiva 2011/83, jimplika li l-kummerċjant ma jiksibx vantaġġ bl-użu ta' linja telefonika ta' assistenza. Għalhekk, skont din il-kumpannija, ma huwiex ipprojbit li l-ispejjeż tat-telefonati jkunu ogħla mit-tariffa tat-telefonati msejħa "standard" sabiex ikopru r-remunerazzjoni dovuta lill-operatur telefoniku għat-tqegħid għad-dispożizzjoni ta' linja ta' assistenza, sakemm il-kummerċjant ma jiksibx vantaġġi minn dan [5].

10. Il-qorti tar-rinviju tesponi li, sabiex tissolva l-kawża prinċipali, huwa neċessarju li jiġi interpretat il-kunċett ta' "ħlas dovut fir-rigward ta' użu sempliċi tas-servizz tat-telekomunikazzjoni" tal-Artikolu 312a(5) tal-BGB. Peress li t-tariffi tal-linji telefoniċi bħal dik inkwistjoni fil-kawża prinċipali kienu suġġetti għal armonizzazzjoni fuq livell Ewropew, stabbilit fl-Artikolu 21 tad-Direttiva 2011/83, din id-dispożizzjoni tad-Direttiva 2011/83 għandha tiġi interpretata wkoll. Madankollu, dan jipprovdi li l-konsumatur ma għandux iħallas iktar milli t-"tariffa bażika" għal kuntatti telefoniċi wara l-konklużjoni ta' kuntratt.

11. Skont il-qorti tar-rinviju, il-leġiżlatur Ġermaniż kellu l-għan li jevita li l-kummerċjant ma jiksibx vantaġġi mit-tqegħid għad-dispożizzjoni ta' linja telefonika mhux ġeografika. Tali interpretazzjoni tal-Artikolu 21 tad-Direttiva 2011/83, u għalhekk tal-Artikolu 312a(5) tal-BGB, ma teskludix li l-konsumatur iħallas iktar għal telefonata lejn linja mhux ġeografika milli għal telefonata standard, sakemm id-dħul ma jeċċedix l-ispejjeż tat-tqegħid għad-dispożizzjoni ta' tali linja.

12. Madankollu, il-qorti tar-rinviju għandha dubji dwar din l-interpretazzjoni u tistaqsi jekk għandhiex tingħata interpretazzjoni iktar stretta tal-kunċett ta' "tariffa bażika" minn dik tal-leġiżlatur Ġermaniż sabiex tiżgura protezzjoni ogħla lill-konsumatur. Hija tikkunsidra li l-formulazzjoni tal-Artikolu 21 tad-Direttiva 2011/83 kif ukoll l-għan tiegħu jimmilitaw lejn tali interpretazzjoni iktar restrittiva. Fil-fatt, minkejja li d-dispożizzjoni nazzjonali kkontestata tipprojbixxi, kif rajna, li jinkisbu vantaġġi permezz tal-operat ta' linja telefonika mhux ġeografika, hija ma tipprojbixxix madankollu li t-telefonati magħmula lejn l-imsemmija linja jkunu jiswew iktar minn dawk magħmula lejn linji standard.

3 — Mid-deċiżjoni tar-rinviju jirriżulta li t-telefonati lejn numru speċjali bil-prefiss 0180 jiswew lill-konsumatur EUR 0.14 kull minuta jekk isiru min-netwerk fiss Ġermaniż u EUR 0.42 kull minuta jekk isiru minn netwerk mobbli.

4 — Mid-deċiżjoni tar-rinviju jirriżulta wkoll li, billi juża dan in-numru, il-konsumatur juri, bl-aġir tiegħu, l-intenzjoni tiegħu li jaċċetta l-offerta ta' comtech li jikkonkludi ftehim fis-sens tal-Artikolu 312a(5) tal-BGB, li jipprovdi li, meta l-konsumatur iċempel in-numru speċjali indikat fit-tariffa msemmija fl-ispjegazzjoni tal-offerta, il-mistoqsijiet dwar kuntratt li kien konkluż mal-konsumatur huma trattati bit-telefon u l-ispjegazzjonijiet f'dan ir-rigward jiġu skambjati bl-istess mezz.

5 — Mid-deċiżjoni tar-rinviju jirriżulta li l-fornitur ta' servizzi ta' telekomunikazzjoni li lilu l-konvenuta fdat it-tqegħid għad-dispożizzjoni tal-linja telefonika ta' assistenza ma jagħtih ebda sehem mir-remunerazzjoni mħallsa mill-konsumaturi għat-telefonati lejn in-numru speċjali kkonċernat.

13. Quddiem dawn il-mistoqsijiet, il-Landgericht Stuttgart (qorti reġjonali ta' Stuttgart, il-Ġermanja), permezz ta' sentenza tal-15 ta' Ottubru 2015, li waslet fir-Reġistru tal-Qorti tal-Ġustizzja fil-5 ta' Novembru 2015, iddeċidiet li tissospendi l-proċeduri quddiemha u li tressaq lill-Qorti tal-Ġustizzja d-domandi preliminari segwenti:

"(1) L-Artikolu 21(1) tad-Direttiva 2011/83 [...] għandu jiġi interpretat fis-sens li, meta l-konsumatur jikkuntattja lill-kummerċjant bit-telefon, fil-każ fejn dan tal-aħħar ikun qiegħed linja telefonika għad-dispożizzjoni tal-konsumatur sabiex dan ikun jista' jikkuntattjah dwar il-kuntratt konkluż, l-ispejjeż li jiġu ffatturati lill-konsumatur ma jistgħux jaqbżu l-prezz li kien ikollu jħallas għal telefonata standard lejn numru tal-linja fissa (ġeografiku) jew mobbli?

(2) L-Artikolu 21(1) tad-Direttiva 2011/83/UE jipprekludi dispożizzjoni nazzjonali li tipprevedi li, meta l-kummerċjant ikun qiegħed servizz ta' assistenza b'numru tat-telefon speċjali (bil-prefiss 0180) għat-telefonati dwar il-kuntratt konkluż, il-konsumatur għandu jħallas l-ispejjeż li jiġu ffatturati lilu mill-fornitur tas-servizzi tat-telekomunikazzjoni bħala korrispettiv għall-użu tas-servizz ta' telekomunikazzjoni, anki meta dawn l-ispejjeż jaqbżu l-prezz li kien ikollu jħallas għal telefonata standard lejn numru tal-linja fissa (ġeografiku) jew mobbli?

L-Artikolu 21(1) tad-Direttiva, f'kull każ, għandu jiġi kkunsidrat bħala li ma jostakolax tali dispożizzjoni nazzjonali meta l-fornitur tas-servizzi tat-telekomunikazzjoni ma jħallas lill-kummerċjant ebda parti mir-remunerazzjoni mħallsa mill-konsumatur bħala korrispettiv għat-telefonata lejn in-numru speċjali?"

14. Ġew ippreżentati osservazzjonijiet bil-miktub miz-Zentrale, mill-Gvern Estonjan, mill-Gvern Litwan, mill-Gvern Olandiż u mill-Gvern Finlandiż, kif ukoll mill-Kummissjoni Ewropea. Peress li ħadd mill-partijiet ikkonċernati ma talabha, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li tiddeċiedi mingħajr ma żżomm seduta għas-sottomissjonijiet orali.

## IV – **Analiżi**

### A – *Fuq it-trattament konġunt tad-domandi preliminari*

15. Permezz tad-domandi preliminari tagħha, il-qorti tar-rinviju tistaqsi, minn naħa, jekk il-kunċett ta' "tariffa bażika" għandux jiġi interpretat fis-sens li l-ispejjeż iffatturati lill-konsumatur meta huwa jċempel lill-kummerċjant fil-kuntest ta' linja telefonika ta' servizz ta' wara l-bejgħ jistgħux jeċċedu l-prezz li huwa jħallas għal telefonata lejn numru ta' linja fissa (ġeografiku) jew mobbli standard, u, min-naħa l-oħra, x'importanza għandha tingħata lill-kwistjoni dwar jekk il-kummerċjant jiksibx vantaġġ jew le minn din il-linja telefonika.

16. Jidhirli li huwa xieraq, hekk kif issuġġeriet b'mod impliċitu l-Kummissjoni, li dawn id-domandi jiġu trattati b'mod konġunt, peress li dawn jirrigwardaw l-interpretazzjoni tal-istess kunċett.

17. B'hekk, permezz taż-żewġ domandi preliminari tagħha, il-qorti tar-rinviju tistaqsi, essenzjalment, kif għandu jiġi interpretat il-kunċett ta' "tariffa bażika" li jinsab fl-Artikolu 21 tad-Direttiva 2011/83.

18. Preliminarjament għandu jiġi ppreċiżat li z-Zentrale, il-Gvern Estonjan u l-Gvern Litwan, kif ukoll il-Kummissjoni jsostnu, fl-osservazzjonijiet bil-miktub tagħhom, il-perspettiva li meta jċempel lill-kummerċjant fil-kuntest ta' linja telefonika ta' servizz ta' wara l-bejgħ, il-konsumatur ma għandux iħallas il-komunikazzjoni telefonika bi prezz ogħla għal dak li huwa jħallas għal telefonata lejn numru ta' linja fissa (ġeografiku) jew mobbli standard.

## B – *Fuq il-kunċett ta' "tariffa bażika" fis-sens tal-Artikolu 21 tad-Direttiva 2011/83*

### 1. Il-formulazzjoni tal-Artikolu 21 tad-Direttiva 2011/83

19. Skont l-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 21 tad-Direttiva 2011/83, "[l]-Istati Membri għandhom jiggarantixxu li, fejn il-kummerċjant juża linja telefonika għall-iskop li jikkuntattja lill-konsumatur bit-telefon dwar il-kuntratt konkluż, il-konsumatur mhuwiex marbut iħallas aktar mit-tariffa bażika, meta jikkuntattja lill-kummerċjant".

20. Fl-assenza ta' kwalunkwe definizzjoni tal-kunċett ta' "tariffa bażika" fid-Direttiva 2011/83 kif ukoll fil-kuntest legali maħluq mil-leġiżlatur tal-Unjoni fil-qasam tal-provvista ta' servizzi ta' telekomunikazzjoni [6], minn ġurisprudenza stabbilita tal-Qorti tal-Ġustizzja jirriżulta li d-determinazzjoni tat-tifsira u tal-portata tat-termini li għalihom id-dritt tal-Unjoni ma jipprovdi ebda definizzjoni għandu jkun stabbilit konformement mas-sens normali tagħhom fil-lingwaġġ kurrenti, filwaqt li jiġi kkunsidrat il-kuntest li fih huma jintużaw u tal-għanijiet imfittxija mil-leġiżlazzjoni li minnha huma jiffurmaw parti [7].

21. Fir-rigward tas-sens normali mogħti lill-kunċett ta' "tariffa bażika" fil-lingwa Ġermaniża, hija tqajjem, kif targumenta l-qorti tar-rinviju, il-kunċett ta' "tariffa lokali", li tfisser l-ispejjeż ta' telefonata lokali lejn numru ordinarju. Barra minn hekk, il-qorti tar-rinviju tenfasizza li l-interpretazzjoni ta' dan il-kunċett ma hijiex uniformi fil-Ġermanja [8].

22. F'dan ir-rigward, minn ġurisprudenza stabbilita ferm jirriżulta li l-kliem użat f'waħda mill-verżjonijiet lingwistiċi ta' dispożizzjoni tad-dritt tal-Unjoni ma jistax iservi bħala bażi unika għall-interpretazzjoni ta' din id-dispożizzjoni u lanqas ma jista' jingħata, f'dan ir-rigward, prijorità fil-konfront tal-verżjonijiet lingwistiċi l-oħra. Id-dispożizzjonijiet tad-dritt tal-Unjoni għandhom jiġu interpretati u applikati b'mod uniformi, fid-dawl tal-verżjonijiet redatti fil-lingwi kollha tal-Unjoni Ewropea. F'każ ta' diverġenza bejn id-diversi verżjonijiet lingwistiċi ta' test tad-dritt tal-Unjoni, id-dispożizzjoni inkwistjoni għandha tiġi interpretata skont l-istruttura ġenerali u l-għan tal-leġiżlazzjoni li tifforma parti minnha [9].

6 — Ara b'mod partikolari, id-Direttiva 2002/22/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tas-7 ta' Marzu 2002, dwar servizz universali u d-drittijiet tal-utenti li jirrelataw ma' netw[e]rks u servizzi ta' komunikazzjonijiet elettroniċi (Direttiva Servizz Universali) (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti: Kapitolu 13, Vol. 29, p. 367).

7 — Sentenza tal-24 ta' Ġunju 2015, Hotel Sava Rogaška (C-207/14, EU:C:2015:414, punt 25 u l-ġurisprudenza ċċitata).

8 — Skont interpretazzjoni, l-Artikolu 312a(5) tal-BGB ma huwiex ikkunsidrat bħala traspożizzjoni leali tad-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 21 tad-Direttiva 2011/83, peress li, għalkemm jeskludi l-ħlas dirett lill-kummerċjant, viżibbli għall-persuna li tagħmel it-telefonata, ta' remunerazzjonijiet imħallsa bħala korrispettiv tal-użu tas-servizz ta' telekomunikazzjoni, madankollu huwa ma jeskludix, b'mod partikolari, il-każ frekwenti ta' "sussidji trażversali" li jippermettu lill-kummerċjant jikseb, jew bi prezz vantaġġjuż jew b'xejn, provvisti ta' telekomunikazzjonijiet oħra pprovduti mill-istess fornitur b'korrispettiv għall-iffatturar ogħla tal-linja telefonika ta' assistenza. Min-naħa l-oħra, skont opinjoni oħra, il-kunċett ta' "tariffa bażika" għandha tinftiehem li tinkludi wkoll il-korrispettiv imħallas lill-fornitur ta' servizzi ta' telekomunikazzjoni għall-użu tal-linja telefonika ta' assistenza, u dan, anki meta l-fornitur ta' servizzi ta' telekomunikazzjoni ma jħallas ebda remunerazzjoni lill-kummerċjant bħala korrispettiv tat-telefonata.

9 — Sentenzi tas-27 ta' Ottubru 1977, Bouchereau (30/77, EU:C:1977:172, punt 14); tad-19 ta' Settembru 2013, Brey (C-140/12, EU:C:2013:565, punt 74), u tas-7 ta' Lulju 2016, Ambisig (C-46/15, EU:C:2016:530, punt 48).

23. F'dan il-każ, kif ġustament tosserva l-Kummissjoni, anki jekk bħala prinċipju ma teżisti ebda ambigwità testwali fil-verżjonijiet lingwistiċi differenti [10], fid-dawl tad-diversità tat-tariffi proposti lill-utenti finali għat-tqegħid għad-dispożizzjoni ta' servizzi ta' telekomunikazzjonijiet fl-Istati Membri [11] u tal-iżvilupp rapidu osservat fi ħdan is-settur dinamiku tat-telekomunikazzjonijiet, ma jidhirlix li huwa possibbli li tingħata tifsira ta' użu ta' lingwaġġ kurrenti fir-rigward tal-kunċett ta' "tariffa bażika". Konsegwentement, is-sens komun tat-terminu użat fil-verżjonijiet lingwistiċi l-oħra, ma jippermettix, waħdu, li tingħata risposta għad-domanda preliminari magħmula.

24. Għalhekk għandu jiġi interpretat il-kunċett ta' "tariffa bażika" skont l-istruttura ġenerali u l-iskop kif ukoll il-kuntest leġiżlattiv tad-Direttiva 2011/83. Il-ġenesi ta' din id-direttiva jista' wkoll jikkostitwixxi sors affidabbli sabiex tinstab, sa ċertu punt, l-intenzjoni tal-leġiżlatur tal-Unjoni f'qasam sensittiv, bħal dak tal-protezzjoni tal-konsumaturi.

## 2. L-interpretazzjoni tal-Artikolu 21 tad-Direttiva 2011/83 imqiegħed fil-kuntest tiegħu

25. L-interpretazzjoni tal-Artikolu 21 tad-Direttiva 2011/83 għandha tingħata billi jittieħdu inkunsiderazzjoni d-dispożizzjonijiet li jdawru dan l-artikolu f'din id-direttiva.

26. F'dan ir-rigward, għandu jiġi enfasizzat li l-Artikolu 6(1)(f) tad-Direttiva 2011/83, li jipprevedi r-rekwiżiti ta' informazzjoni għal kuntratti mill-bogħod u lil hinn mill-post tan-negozju, juża wkoll it-termini "tariffa bażika". Din id-dispożizzjoni tistabbilixxi li l-kummerċjant għandu l-obbligu li jinforma lill-konsumatur, qabel il-konklużjoni ta' kuntratt, bl-"ispiża tal-użu tal-mezz tal-komunikazzjoni mill-bogħod *għall-konklużjoni tal-kuntratt* meta tali kost huwa kkalkolat fuq bażi differenti mit-tariffa bażika" [12].

27. Skont il-Kummissjoni, dan l-obbligu li l-konsumatur jiġi informat jippermetti lil dan tal-aħħar jiddeċiedi jaċċettax jew le li jikkonkludi l-kuntratt mal-kummerċjant billi jkun jaf bl-ispejjeż relatati mal-mezz ta' komunikazzjoni mill-bogħod [13]. Il-Kummissjoni tiddikjara wkoll li jistgħu biss ikunu kkunsidrati bħala "tariffa bażika" fis-sens tal-Artikolu 6(1)(f) tad-Direttiva 2011/83 l-ispejjeż li għandu jħallas il-konsumatur, jiġifieri dawk ta' komunikazzjoni telefonika normali, iffatturata għal telefonata lejn numru ta' linja fissa (ġeografika) jew mobbli standard. Peress li l-konsumatur jaf b'dawn l-ispejjeż abbażi ta' kuntratt konkluż mal-fornitur ta' servizzi ta' telekomunikazzjoni tiegħu, il-kummerċjant ma għandu ebda obbligu ta' informazzjoni fil-kuntest ta' dan l-artikolu. Min-naħa l-oħra, jekk il-komunikazzjoni telefonika bejn il-konsumatur u l-kummerċjant tiġi stabbilita b'numru telefoniku li għall-konsumatur ifisser spejjeż li jeċċedu dawk ta' komunikazzjoni telefonika normali, fissa (ġeografika) jew mobbli standard, il-konsumatur għandu jkun infurmat mill-kummerċjant b'mod ċar u komprensibbli.

10 — B'mod partikolari l-verżjonijiet bil-lingwa Bulgara (основната тарифа), Ġermaniża (Grundtarif), Estonjana (põhitariifi), Spanjola (tarifa básica), Taljana (tariffa di base), Litwana (bazinė kaina), Pollakka (taryfa podstawowa) u Ingliża (basic rate).

11 — It-tariffi jistgħu pereżempju jiġu kkalkolati skont it-tip (lokali jew għall-bogħod) u t-tul tat-telefonati, eventwalment flimkien ma' rata fissa (flat rate). Skont il-Kummissjoni, ebda waħda minn dawn l-interpretazzjonijiet differenti ma tista' tiġi eskluża abbażi tas-sens normali tal-kunċett ta' "tariffa bażika". F'dan ir-rigward, mill-osservazzjonijiet tal-Gvern Finlandiż jirriżulta li l- Kuluttajansuojalaki (liġi dwar il-protezzjoni tal-konsumaturi) tipprovdi, fil-Kapitolu 2, Artikolu 14 li l-espressjoni "tariffa bażika" tfisser b'mod partikolari kull tariffa prevista mill-kuntratt ta' abbonament ta' konsumatur.

12 — Din id-dispożizzjoni hija analoga għall-Artikolu 4(1)(g) tad-Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill 97/7/KE, tal-20 ta' Mejju 1997, dwar il-protezzjoni tal-konsumaturi fir-rigward ta' kuntratti li jsiru mill-bogħod (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti: Kapitolu 15, Vol. 3, p. 319), li ġiet abrogata mid-Direttiva 2011/83. Enfasi miżjud minni.

13 — F'dan ir-rigward, infakkar li l-premessa 12 tad-Direttiva 97/7 tistabbilixxi li "fil-każ ta' komunikazzjoni permezz tat-telefon, huwa xieraq li l-konsumatur jirċievi biżżejjed informazzjoni fil-bidu tal-konversazzjoni sabiex ikun jista' jiddeċiedi jekk ikomplix jew le".

28. Filwaqt li, fil-kuntest tal-Artikolu 6(1)(f) tad-Direttiva 2001/83, l-interpretazzjoni ta' din id-dispożizzjoni u tal-kunċett ta' "tariffa bażika" inkluż fiha timmilita favur il-fatt li tinkludi esklużivament l-ispejjeż normalment magħmula għal komunikazzjoni telefonika fissa (ġeografika) jew mobbli standard, fl-opinjoni tiegħi, ma jistax jingħad mod ieħor għall-interpretazzjoni tal-kunċett ta' "tariffa bażika" fis-sens tal-Artikolu 21 ta' din id-direttiva.

29. Għalhekk, imqiegħed fil-kuntest tiegħu, l-Artikolu 21 tad-Direttiva 2001/83, għandu jiġi interpretat fis-sens li jipprevedi biss l-ispejjeż magħmula mill-konsumatur waqt telefonata lejn numru ta' linja fissa (ġeografika) jew mobbli standard.

30. Din l-interpretazzjoni hija l-unika li tista' tiżgura t-twettiq tal-għanijiet li għandhom jintlaħqu mid-Direttiva 2011/83, kif ser nuri issa.

### 3. Fuq il-kunċett ta' "tariffa bażika" fid-dawl tal-għan tal-protezzjoni tal-konsumaturi

31. L-għan tad-Direttiva 2001/83, li jinsab fl-Artikolu 1 tagħha huwa l-"ksib ta' livell għoli ta' protezzjoni tal-konsumaturi, li tikkontribwixxi għat-tħaddim tajjeb tas-suq intern"[14].

32. F'dan ir-rigward, il-premessi 3[15] sa 5 u 7 tad-Direttiva 2011/83 ifakkru li l-għan ta' din id-direttiva huwa li tikkontribwixxi għal "livell għoli ta' protezzjoni tal-konsumatur". B'mod partikolari, il-premessa 7 ta' din id-direttiva tindika li l-"konsumaturi għandhom igawdu [...] minn livell komuni għoli ta' protezzjoni madwar l-Unjoni kollha"[16].

33. Skont il-Gvern tal-Pajjiżi l-Baxxi, il-leġiżlazzjoni Ġermaniża inkwistjoni fil-kawża prinċipali ma tmurx kontra l-Artikolu 21 tad-Direttiva 2011/38 u, b'mod partikolari, l-għan tal-protezzjoni tal-konsumaturi rrikonoxxut mill-premessi 3 sa 5 u 7 tal-Artikolu 1 ta' din id-direttiva. Fil-fatt, għall-kuntrarju tal-Gvern Estonjan[17] u Litwan, il-Gvern tal-Pajjiżi l-Baxxi jikkunsidra li l-kunċett ta' "tariffa bażika" jinkludi l-ispejjeż addizzjonali tat-tariffa ta' informazzjoni li jirriżultaw mit-tqegħid għad-dispożizzjoni tan-numru ta' servizz ikkonċernat[18].

34. Ma ninsabx konvint b'dan l-argument.

35. Il-premessa 2 tad-Direttiva 2011/83 tenfasizza li din id-direttiva titbiegħed mill-prinċipju ta' armonizzazzjoni minima tad-Direttivi 85/577/KEE[19] u 97/7 favur *armonizzazzjoni sħiħa*. Għalhekk, fl-interess taċ-ċertezza legali, l-għan ta' "[tgawdija] [...] minn livell komuni għoli ta' protezzjoni madwar l-Unjoni kollha" jintlaħaq mill-armonizzazzjoni sħiħa ta' wħud mill-aspetti essenzjali tal-kuntratti bejn

14 — Ara wkoll, il-premessa 4 ta' din id-direttiva.

15 — Infakkar li l-premessa 3 tad-Direttiva 2011/83 tistabbilixxi li l-"Artikolu 169(1) u l-punt (a) tal-Artikolu 169(2) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE) jipprevedu li l-Unjoni tikkontribwixxi biex jintlaħaq livell għoli ta' protezzjoni tal-konsumatur permezz tal-miżuri li tadotta skont l-Artikolu 114 tiegħu".

16 — Infakkar ukoll li l-Artikolu 38 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea jipprovdi li "[i]l-politika ta' l-Unjoni għandha tiżgura livell għoli ta' protezzjoni tal-konsumatur".

17 — Fl-osservazzjonijiet bil-miktub tiegħu, il-Gvern Estonjan jenfasizza li, skont l-Artikolu 28[1] (3) tal-Võlaõigusseadus (Liġi dwar id-dritt tal-obbligi), li jittrasponi l-ewwel paragrafu tal-Artikolu 21 tad-Direttiva 2011/83, il-kummerċjant ma jistax jirrikjedi li l-konsumatur iħallas prezz addizzjonali meta jikkuntattjah. B'hekk dan il-Gvern jindika li, waqt it-traspożizzjoni tad-Direttiva 2011/83 fid-dritt Estonjan, huwa bbaża ruħu fuq ir-raġunament tal-ewwel paragrafu tal-Artikolu 21 ta' din id-direttiva, li jikkonsisti fil-garanzija li l-konsumatur, meta jikkuntattja l-kummerċjant, ma għandux iħallas tariffa addizzjonali għal dik ta' komunikazzjoni telefonika ordinarja.

18 — Skont il-Gvern tal-Pajjiżi l-Baxxi, l-ispiża totali li konsumatur iħallas għal numru ta' servizz tinqasam f'żewġ tariffi. Dawn huma, minn naħa, it-tariffa ta' traffiku, jiġifieri t-tariffa li l-konsumatur stess iħallas għas-servizz ta' komunikazzjoni elettronika, b'mod partikolari l-ispejjeż iffatturati għal telefonata lejn numru ta' linja fissa (ġeografika) jew mobbli standard, u min-naħa l-oħra, it-tariffa ta' informazzjoni, jiġifieri t-tariffa addizzjonali stabbilita mill-kummerċjant u li tikkonsisti fiż-żieda tal-ispiża li dan il-kummerċjant japplika fir-rigward tal-provvista ta' servizzi ta' informazzjoni, f'dan il-każ in-numru ta' servizz. Skont dan il-Gvern, is-servizzi addizzjonali li l-fornitur ta' servizzi ta' telekomunikazzjonijiet jipprovdi lill-kummerċjant huma b'mod partikolari, il-funzjonijiet tal-istennija u l-għażliet.

19 — Direttiva tal-Kunsill tal-20 ta' Diċembru 1985, biex tħares lill-konsumatur rigward kuntratti nnegozjati barra mill-post tan-negozju (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti: Kapitolu 15, Vol. 1, p. 262).

l-impriżi u l-konsumaturi[20]. Konsegwentement, skont l-Artikolu 4 tad-Direttiva 2011/83, "[l]-Istati Membri m'għandhomx jippreservaw jew jintroduċu, fil-liġi nazzjonali tagħhom, dispożizzjonijiet diverġenti minn dawk stipulati f'din id-Direttiva, inklużi dispożizzjonijiet iktar jew inqas stringenti biex jiżguraw livell differenti ta' protezzjoni tal-konsumatur, sakemm din id-Direttiva ma tipprovdix mod ieħor", li nfakkar li ma huwiex previst fir-rigward tal-Artikolu 21[21].

36. Kif ġustament irrilevaw il-Gvern Estonjan u dak Litwan u l-Kummissjoni, l-Artikolu 21 tad-Direttiva 2011/83 jirrigwarda s-sitwazzjoni fejn, wara l-konklużjoni ta' kuntratt, konsumatur jikkuntattja lill-kummerċjant fir-rigward ta' dan il-kuntratt, b'mod partikolari sabiex jikkjarifika kwistjonijiet dwar l-eżekuzzjoni tiegħu[22] jew wara l-eżekuzzjoni tiegħu, sabiex juża drittijiet tal-garanzija jew jipprepara rikors. Peress li huwa l-kummerċjant li jqiegħed għad-dispożizzjoni l-linja telefonika li permezz tagħha jista' jsir kuntatt miegħu, huwa fis-setgħa tiegħu li jinfluwenza l-ammont tal-ispejjeż sostnuti mill-konsumaturi waqt telefonata li huwa jirċievi. Fil-fatt, jekk il-kummerċjant jagħżel numru ta' linja fissa (ġeografika) jew mobbli standard, it-telefonata tal-konsumatur lejn il-kummerċjant tagħti biss lok għall-ispejjeż ikkalkolati abbażi tal-kuntratt konkluż bejn il-konsumatur u l-fornitur ta' servizzi ta' telekomunikazzjoni tiegħu. Min-naħa l-oħra, jekk il-kummerċjant imur għal linja telefonika speċjali li t-tariffi ta' komunikazzjoni tagħha jkunu ogħla mit-tariffi normali tas-suq, jeżisti r-riskju li l-konsumatur, għal raġunijiet ekonomiċi, jevita, bi żvantaġġ għalih stess, kuntatt telefoniku mal-kummerċjant, għaliex dan ifisser li jkollu spejjeż addizzjonali.

37. Konsegwentement, prezz ogħla minn dak lejn linja telefonika normali jista' jkun dissważiv sabiex il-konsumaturi jagħmlu kuntatt mal-kummerċjant minħabba spejjeż addizzjonali li huwa jsostni[23]. Barra minn hekk, mill-istruttura ġenerali tad-Direttiva jirriżulta li s-servizz ta' assistenza telefonika huwa inkonfutabbilment preżunt bħala inkluż fil-previżjonijiet tal-partijiet, u għalhekk fil-prezz imħallas mill-konsumatur. L-użu ta' numru bi prezz ogħla jwassal sabiex konsumatur iħallas spejjeż addizzjonali għall-istess servizz[24]. Dan ikun wisq iżjed minnu jekk il-valur tal-oġġett tal-kuntratt ikun ftit ogħla.

38. Tali interpretazzjoni tal-ewwel paragrafu tal-Artikolu 21 tad-Direttiva 2011/83 ma hijiex imqiegħda inkwistjoni mit-tieni paragrafu tiegħu, li jippreċiża sempliċement li dan "[l]-ewwel subparagrafu [paragrafu] […] huwa bla ħsara għad-dritt tal-operaturi ta' servizzi ta' telekomunikazzjoni li japplikaw tariffa għal dawn it-telefonati". Jiena naqbel mal-argument tal-Gvern Litwan u tal-Kummissjoni li l-fattur determinanti huwa l-fatt li r-remunerazzjoni ffatturata lill-konsumatur ma tistax tkun ogħla minn dik ta' telefonata standard bil-prezzijiet normali tas-suq.

20 — Il-premessa 7 tad-Direttiva 2011/83 tistabbilixxi li "[l]-armonizzazzjoni sħiħa ta' wħud mill-aspetti regolatorji ewlenin għandha żżid konsiderevolment iċ-ċertezza legali kemm għall-konsumaturi kif ukoll għall-kummerċjanti. […] L-effett ta' tali armoniżżazzjoni għandu jkun li jinqerdu l-ostakli mnissla mill-frammentazzjoni tar-regoli u biex jitlesta s-suq intern f'dan il-qasam. Dawk l-ostakli jistgħu jinqerdu biss billi jitwaqqfu regoli uniformi fil-livell tal-Unjoni. Barra dan il-konsumaturi għandhom igawdu minn livell komuni għoli ta' protezzjoni madwar l-Unjoni kollha".

21 — Konformement mal-premessa 13 tad-Direttiva 2011/38, l-Istati Membri "jist[għu] […] iżomm[u] jew jintroduċ[u] leġislazzjoni nazzjonali li tikkorrispondi mad-dispożizzjonijiet ta' din id-Direttiva, jew xi wħud mid-dispożizzjonijiet tagħha, dwar kuntratti li ma jidħlux fil-kamp ta' applikazzjoni ta' din id-Direttiva". Madankollu, din il-marġni ta' libertà tirrigwarda biss it-trattament ta' oqsma mhux irregolati mid-Direttiva, li ninsisti li ma huwiex il-każ tal-Artikolu 21 ta' din id-direttiva.

22 — B'mod partikolari sabiex tiġi ddeterminata data ta' konsenja jew fuq kwistjonijiet relatati mal-fatturazzjoni.

23 — F'din il-linja, id-duttrina tenfasizza li l-"għan tal-Artikolu 21 tad-Direttiva 2011/83 huwa […] li tipprojbixxi l-iffatturar ta' telefonati lejn is-servizzi ta' assistenza proposti mill-kummerċjant. Din id-dispożizzjoni protettiva għalhekk iġġib fix-xejn l-ispejjeż addizzjonali għal servizzi telefoniċi ta' wara l-bejgħ […]". Ara, Pôle de droit privé de l'Université Saint-Louis – Bruxelles, "La directive 2011/83/UE du 25-octobre 2011 relative aux droits des consommateurs", *Revue générale de droit civil belge*, 2013, nru 4, p. 174 sa 207, u b'mod partikolari, p. 204 u 206. Ara, ukoll, J. Laffineur, u G. Stretmans, "La directive 2011/83 relative aux droits des consommateurs: les modifications de la réglementation concernant les ventes aux consommateurs et les 'autres droits des consommateurs'", *Revue européenne de droit de la consommation*, 2013, nru 3, p. 475 sa 498. Dawn l-awturi jenfasizzaw li l-leġiżlatur tal-Unjoni ma indirizzax il-kwistjoni dwar il-perijodi ta' stennija fuq it-telefon, kultant twal, qabel risposta effettiva mill-interlokutur. Ara f'dan ir-rigward, P. Rott, "More coherence? A higher level of consumer protection? A review of the new Consumer Rights Directive 2011/83/EU", *European Journal of Consumer Law*, 2012, nru 3, p. 371 sa 392, u b'mod partikolari, p. 391.

24 — Ara, f'dan ir-rigward, il-punt 42 ta' dawn il-konklużjonijiet.

39. Fl-opinjoni tiegħi, is-sistema ta' armonizzazzjoni sħiħa stabbilita bid-Direttiva 2011/83 u l-livell għoli ta' protezzjoni tal-konsumaturi jirriskjaw li jitilfu l-effett utli tagħhom li kieku l-Qorti tal-Ġustizzja kellha tagħti f'dan il-każ interpretazzjoni tal-Artikolu 21 tad-Direttiva 2011/83 li tippermetti lill-Istati Membri jintroduċu fuq livell nazzjonali dispożizzjonijiet bħal dik inkwistjoni fil-kawża prinċipali, li ma jinkludux biss spejjeż normali tas-suq għal komunikazzjoni telefonika lejn numru ta' linja fissa (ġeografika) jew mobbli standard.

40. Kif ser nispjega issa, din l-interpretazzjoni hija wkoll sostnuta mill-ġenesi tal-Artikolu 21 tad-Direttiva 2011/83.

4. L-interpretazzjoni tal-Artikolu 21 tad-Direttiva 2011/83 fid-dawl tal-ġenesi tiegħu

41. L-interpretazzjonijiet sistematiċi u teleoloġiċi tal-Artikolu 21 tad-Direttiva 2011/83, esposti fil-punti 29 u 39 ta' dawn il-konklużjonijiet, huma konformi wkoll mal-ġenesi ta' din id-dispożizzjoni.

42. Fil-fatt, peress li fil-proċedura leġiżlattiva [25] ġiet ikkonstatata l-assenza ta' regoli uniformi dwar il-kwistjonijiet li jirrigwardaw is-servizzi telefoniċi bi ħlas li jagħtu assistenza lill-klijenti, il-Parlament Ewropew kien ippropona, fl-emenda 1378 tiegħu, li jiżdied Artikolu 28a (ġdid) intitolat "Komunikazzjoni u disponibbiltà" [26]. Il-ġustifikazzjoni ta' din l-emenda kienet li "[i]l-kummerċjanti jittrasferixxu iktar u iktar is-servizzi ta' assistenza tagħhom lejn il-klijentela u tal-ilmenti lejn ċentri ta' telefonija. Il-konsumaturi qed isostnu għalhekk spejjeż kultant mhux negliġibbli meta jiġu ttrasferiti lejn *numri speċjali bi ħlas* [...]. Il-komunikazzjoni u d-disponibbiltà għandhom għalhekk jiġu previsti mil-leġiżlazzjoni bħala obbligi kuntrattwali aċċessorji li għalihom *ebda ħlas addizzjonali ma huwa meħtieġ matul ir-relazzjoni kuntrattwali eżistenti jew matul il-perijodu ta' garanzija*" [27] [traduzzjoni mhux uffiċjali].

43. F'dan ir-rigward, fl-osservazzjonijiet bil-miktub tagħha, il-Kummissjoni argumentat li l-kunċett ta' "tariffa bażika" kien introdott waqt l-approvazzjoni u r-riformulazzjoni tal-abbozz tal-Parlament [28]. B'hekk fl-ewwel qari, wara ftehim bejn il-Parlament u l-Kunsill tal-Unjoni Ewropea, l-abbozz tad-Direttiva li kien jinkludi l-Artikolu 21 ġie addottat [29]. L-għan tal-leġiżlatur tal-Unjoni kien għalhekk li jipproteġi lill-konsumaturi minn spejjeż ta' komunikazzjoni għolja meta huma jixtiequ jikkuntattjaw bit-telefon lill-kummerċjant jew lis-servizzi ta' assistenza tiegħu fir-rigward ta' kuntratt diġà konkluż.

44. Din il-volontà tal-leġiżlatur tal-Unjoni hija kkorroborata, barra minn hekk, mid-dokument ta' gwida tad-DĠ Ġustizzja dwar id-Direttiva 2011/83 [30]. Fil-punt 10 ta' dan id-dokument, jitfakkar, fl-ewwel lok, li l-għan tal-Artikolu 21 ta' din id-direttiva huwa li "jipproteġi l-konsumatur *mill-applikazzjoni ta' spejjeż addizzjonali* fil-każ fejn dan ikollu bżonn jikkuntattja lill-kummerċjant li miegħu huwa kkonkluda kuntratt, pereżempju jekk jixtieq jagħmel ilment, u fit-tieni lok, li dan it-tip ta' kuntratt telefoniku ma għandux jobbliga lill-konsumatur iħallas ogħla mit-'tariffa bażika'". Minkejja li d-direttiva ma tagħtix tifsira b'mod espliċitu tat-termini "tariffa bażika", l-għan tagħha huwa li tirrkjedi li l-kummerċjanti jiżguraw "*li l-konsumaturi ma jħallsux iktar mill-ispejjeż netti tas-servizz ta' komunikazzjoni elettronika* għal telefonati li jaqgħu taħt l-Artikolu 21" [31]. Dan id-dokument jippreċiża, barra minn hekk, li sabiex jikkonformaw lilhom infushom ma' dan ir-rekwiżit dwar it-tariffa bażika, "il-kummerċjanti għandhom jużaw numri tat-telefon bħal *numri ta' linja fissa (ġeografika) jew mobbli standard* li ma humiex suġġetti għal tariffa speċjali. In-numri mhux ġeografiċi li l-fornituri ta' servizzi

25 — Abbozz tad-Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar id-drittijiet tal-konsumaturi, COM(2008) 614 finali.

26 — Dok. PE452.545v01-00, ġustifikazzjoni tal-emenda 1378.

27 — Dok. PE452.545v01-00, ġustifikazzjoni tal-emenda 1378. Enfasi miżjuda minni.

28 — Ara emenda 165, Abbozz tad-Direttiva, Artikolu 28a (ġdid), dok. P7_TA(2011)0116 (ĠU 2012, C 247 E, p. 99).

29 — Ara dokument 9507/11 CONSOM 65 JUSTCIV 107, p. 4 u 15.

30 — Dokument ta' gwida tad-DĠ Ġustizzja dwar id-Direttiva 2011/83/UE, Ġunju 2014, p. 70.

31 — Enfasi miżjuda minni.

ta' komunikazzjoni elettronika jinkludu normalment fl-offerti ta' rata fissa tagħhom għal tul li jikkorrispondi għal prezz fiss ta' kull xahar u n-numri li ma humiex iffatturati bi prezz ogħla ħlief it-telefonati lejn numri ġeografiċi jikkostitwixxu eżempji ta' numri ffatturati bit-tariffa bażika" [32] [traduzzjoni mhux uffiċjali].

45. Fl-opinjoni tiegħi, mill-punti 25 sa 40 ta' dawn il-konklużjonijiet jirriżulta b'mod ċar li interpretazzjoni tal-Artikolu 21 tad-Direttiva 2011/83 fis-sens li l-kunċett ta' "tariffa bażika" ikopri l-ispejjeż kollha għall-użu tas-servizz ta' telekomunikazzjoni, u dan ikun xi jkun l-ammont ta' dawn l-ispejjeż, tmur kontra l-għan leġiżlattiv li għandu l-intenzjoni jilħaq il-leġiżlatur tal-Unjoni.

C – *Fuq il-kwistjoni dwar jekk il-kummerċjant jagħmilx profitt jew le mil-linja telefonika fil-kuntest tal-interpretazzjoni tal-Artikolu 21 tad-Direttiva 2011/83*

46. Kif esponejt fil-punt 38 ta' dawn il-konklużjonijiet, il-fattur determinanti għall-interpetazzjoni tal-Artikolu 21 tad-Direttiva 2011/83 u tal-kunċett ta' "tariffa bażika" huwa li r-remunerazzjoni mitluba lill-konsumatur ma tistax tkun ogħla minn dik ta' telefonata standard bi prezz normali tas-suq. Konsegwentement, kif jikkorroboraw l-interpretazzjonijiet sistematiċi, teleoloġiċi u l-ġenesi ta' din id-dispożizzjoni, jekk l-ispejjeż sostnuti mill-konsumatur jeċċedu t-tariffi ta' komunikazzjoni normali għal telefonati standard, dan ma jkunx każ ta' "tariffa bażika" fis-sens tal-Artikolu 21 tad-Direttiva 2011/83.

47. Fil-fatt, kif osservaw ġustament il-Gvern Estonjan, Litwan u Finlandiż u l-Kummissjoni, l-għan tal-protezzjoni tal-konsumatur kontra tariffi ta' komunikazzjoni għolja fil-kuntest ta' komunikazzjonijiet kuntrattwali jew postkuntrattwali mal-kummerċjant jipprevali indipendentement mill-kwistjoni dwar min finalment jirċievi r-remunerazzjoni dovuta mill-konsumatur għall-użu tas-servizz ta' telekomunikazzjoni [33]. Barra minn hekk, l-Artikolu 21 tad-Direttiva 2011/83 jitlef l-effett utli tiegħu li kieku il-protezzjoni tal-konsumatur kontra l-ispejjeż ta' komunikazzjoni għolja kellha tiddependi fuq il-fatt jekk il-kummerċjant jirċevix jew le sehem mir-remunerazzjoni mħallsa.

## V – **Konklużjoni**

48. Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet kollha preċedenti, nipproponi li l-Qorti tal-Ġustizzja tirrispondi għad-domandi preliminari magħmula mil-Landgericht Stuttgart (qorti reġjonali ta' Stuttgart, il-Ġermanja) kif ġej:

Il-kunċett ta' "tariffa bażika" li jinsab fl-Artikolu 21 tad-Direttiva 2011/83/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tal-25 ta' Ottubru 2011, dwar drittijiet tal-konsumatur, li temenda d-Direttiva tal-Kunsill 93/13/KEE u d-Direttiva 1999/44/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u li tħassar id-Direttiva tal-Kunsill 85/577/KEE u d-Direttiva 97/7/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill għandu jiġi interpretat fis-sens li, meta l-konsumatur iċempel lill-kummerċjant fil-kuntest ta' servizz ta' wara l-bejgħ, fil-każ fejn dan tal-aħħar iqiegħed għad-dispożizzjoni linja telefonika sabiex il-konsumatur ikun jista' jikkuntattjah fir-rigward ta' kuntratt li ġie konkluż, l-ispejjeż iffatturati ma jistgħux jeċċedu l-ispejjeż normali li jiġu ffatturati lilu għal telefonata lejn numru ta' linja fissa (ġeografika) jew mobbli standard.

32 — Dan id-dokument jindika li, għall-kuntrarju, "il-kummerċjanti għandhom b'mod partikolari jevitaw li jużaw numri ta' telefon li jippermettulhom jiffinanzjaw jew ikopru parzjalment l-ispejjeż ta' ċentri ta' telefonija jew li jagħmlu dħul addizzjonali minn dawn it-telefonati billi jaqsmu d-dħul mal-operaturi tat-telekomunikazzjoni, b'mod partikolari n-numri għal servizzi b'tariffi miżjuda" [traduzzjoni mhux uffiċjali]. Ara d-dokument ta' gwida tad-DĠ Ġustizzja dwar id-Direttiva 2011/83/UE, Ġunju 2014, p. 71. Enfasi miżjuda minni.

33 — Barra minn hekk, jidhirli li ċertu tip ta' remunerazzjonijiet indiretti li jkollhom jitħallsu lill-kummerċjant inkambju għall-użu ta' servizz ta' komunikazzjoni telefonika bħal, b'mod partikolari, is-sussidji trażversali, ma humiex faċli li jiġu vverifikati.